**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 94 – IT-TNEJN, 30 TA’ OTTUBRU 2017 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 93

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 93

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet rigward punti 6.5 u 6.7, l-ittra lil Sunny's u l-kotba għall-iskola rispettivament. Dawn għandhom isiru fi żmien qasir.

2.2 Is-Sur Trevor Fenech staqsa dwar punt 5.1 u staqsa għalfejn ġew approvati 1000 Ewro meta kien hemm deċiżjoni li kollaborazzjoni ma‘ għaqdiet għandha tkun ta' 500 Ewro. Is-Sindku irrisponda billi qal li din hija xi ħaġa ta' darba u mhux rikorrenti.

## 3 Pagamenti Numru 81

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġew diskussi l-accounts tat-tielet kwart tas-sena. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-accounts. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex jintużaw tliet parkeġġi għal Open Day fis-service road ta' Vjal ir-Riħan. Kien hemm qbil.

5.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal WIFI fil-librerija tal-Kunsill. Dan bi spejjeż ta' 280 Ewro fis-sena. Għandha ssir l-applikazzjoni lil MCA.

5.3 Kien hemm qbil li għandha tinġabar stima għas-sistema ta' drip irrigation għas-siġar kollha taż-żebbuġ fil-masġar.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-proposta biex isiru klassijiet tar-robatika għas-sajf li ġej. Għandha ssir talba lill-iskola biex tintuża klassi għal dan il-għan.

5.5 Kien hemm qbil li jitkomplew l-Keep Fit Classes f'Jannar li ġej. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm il-bżonn isiru żewġ klassijiet.

5.6 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir fl-14 ta' Diċembru 2017.

5.7 Kien hemm diskussjoni rigward l-attivitajiet tal-Milied. Ġie ikkonfermat li l-mixgħela għandha ssir fl-1 ta' Diċembru u l-parata ssir fis-17 ta' Diċembru 2017. Dan il-programm għandu jkun bħas-sena ta' qabel.

5.8 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn kumpanija ġdida biex tagħmel bring-in site oħra f'San Ġwann. Kien hemm qbil li m'hemmx bżonn site oħra u kieku jkun hemm bżonn għandha ssir talba lill-kumpanija li hemm bħalissa.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex isiru tabelli f'siti fejn isir dumping, biex tavża li hemm CCTV. Għandha ssir ukoll camera li tinbdlilha postha. Kien hemm qbil. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir doggie bin ieħor f’Misraħ il-Ħawħa. Hemm bżonn ukoll li jsir manutenzjoni fuq l-outside gym equipment fil-masġar. Hemm bżonn li tiżdied il-frekwenza tat-tbattil tal-bring-in sites. Hemm bżonn ukoll li jkollna aċċess għal garage tal-mitħna ta' taħt l-art għal preparamenti tal-Milied.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss reġgħet fakkret li hemm bżonn li jsiru l-locality maps fin-noticeboards Staqsiet ukoll dwar meta ser isir ix-xogħol tat-tarmac. Dan għandu jsir fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2017.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex tiġi rranġata l-bankina fi Vjal in-Naspli kantuniera ma’ Triq Bellavista.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Novembru 2017 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**